**Mro. Ġużeppi Micallef**
**It-tieni surmast tas-Soċjetà Filarmonika 'Sta. Marija' (II)**

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fil-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra (pp. 185-6), minkejja li l-pandemija ħassret il-ferħ u l-briju kollu tal-biċċa l-kbira tal-festi li soltu jsiru barra, kont laqqajtkom mat-tieni surmast tas-Soċjetà – Mro Ġużeppi Micallef il-"Baqrambun"[1] – fejn rajna li kellu mhux anqas minn seba' baned Maltin taħt idejh, fosthom dik Ġirbija: 'Prince of Wales Own', dik Ħamruniża: Għaqda Mużikali 'San Gejtanu', u dik Mostija: Soċjetà Filarmonika 'Sta. Marija'. Għal dis-sena, ħsibt li nkompli nlaqqagħkom mal-bqija tal-baned li huwa dderieġa: il-Banda l-qadima Naxxarija, dik l-oħra Mostija, kif ukoll iż-żewġ baned Żabbarin, li bħal tewmin, tista' tgħid li twieldu flimkien.

Kliem muftieħ: Mosta, Santa Marija, Mro Ġużeppi Micallef ('Il-Baqrambun'); Soċjetà Filarmonika 'Maria Mater Graziæ' (Ħaż-Żabbar); Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda 'San Mikiel' (Ħaż-Żabbar); Soċjetà Filarmonika 'Santa Marija' (Il-Mosta); Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard (Il-Mosta); Soċjetà Mużikali 'Peace' (In-Naxxar); University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda (GĦKB)

**Soċjetà Mużikali 'Peace', in-Naxxar** (1885-90; 1894-; ?-?): Ir-raba', id-disa', u l-ħdax-il surmast rispettivament. Dan ifisser li Micallef kien surmast tagħha fi tliet perjodi differenti u l-aħjar ħaġa hi li naqsmuhom b'dal-mod.

Iżda biex nifhmu aħjar l-involviment tiegħu ma' dil-Banda, ikun aħjar jekk nimxu ma' ġrajjietha kif jagħtihomlna l-qassis-poeta Naxxari Dun Anton Xiberras (1922-2006) permezz ta' studju qasir bil-Malti tiegħu tal-1962, fl-okkażjoni tal-100 sena mit-twaqqif tagħha.[2] Tajjeb ngħidu, li hu ġabar it-tagħrif kollu mingħand l-Avukat Naxxari Ignazio Micallef (?-?), li min-naħa tiegħu kien kiteb Djarju tan-Naxxar f'għaxar pitazzi ta' daqs ġmielu, tal-ġrajjiet kif seħħew f'Malta u f'raħlu fit-tieni nofs tas-seklu 19[3]. Aħna li jinteressana l-aktar hawnhekk hu fejn jidħol Micallef. Ngħid biss li l-Banda oriġinali, bl-isem ta' Soċjetà Filarmonica 'Melita', imwaqqfa fl-1862 kienet sfaxxat fl-1876, u għal numru ta' snin, ir-raħal Naxxari kien safa mingħajr il-banda tiegħu.


Mro. Ġuseppe Micallef.

L-ewwel perjodu ta' Micallef (1885-90): Fl-1884 twaqqfet banda ġdida mgħammda 'Melita', b'Mro Carmelo (Karmnu) Farrugia[4] (?-?) bħala s-surmast tagħha, li min-naħa tiegħu jidher li ma tantx dam. Dan għaliex, fl-istorja tagħha nsibu li mill-1 ta' Jannar, 1885, il-Banda l-qadima 'Melita' (fl-1884 fl-istess raħal kienet twaqqfet oħra ġdida bl-isem ta' 'Vittoria') bdiet tieħu ftit ruħ peress li Micallef beda jgħallem il-banda 'il xi ġuvintur. Dan wassal biex dil-banda b'elementi qodma u oħrajn ġodda daqqet waqt l-Għasar fil-festa ta' San Ġużepp f'April 1885, filwaqt li l-oħra daqqet fil-purċissjoni. Ġara iżda, li fl-1886 il-banda 'Melita' xoljiet għat-tieni darba wara l-laqgħa ġenerali tal-21 ta' Novembru, b'xi bandisti jmorru mal-ġdida. F'Mejju tal-1887 reġgħet ingħaqdet mill-ġdid għat-tielet darba taħt l-istess tmexxija ta' Micallef, li min-naħa tiegħu

[1] Fil-ktieb ta' Robert Mifsud Bonnini (RMB), *Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex* (L-ewwel Ktieb), p. 71, insibuh bħala "Il-Baqranbur".
[2] It-titlu sħiħ ta' dal-istudju qasir ittajpjat li jinsab fuq il-qoxra ta' quddiem hu kif ġej: 'Tifkira / ta' Meta / il- / 'Peace' Band / tan-Naxxar / Fakkret / għeluq il-Mitt Sena mit- / Twaqqif Tagħha / 1862-1962'.
[3] *Memorie rimarchevoli di alcuni fatti succeduti in Malta, con riferenza speciale al Naxaro.*
[4] Dwar das-surmast, Nigel Holland, fil-kitba tiegħu *L-Istorja Glorjuża tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena* (Holland, 2006), jikkwota lil RMB billi jgħid li kien hu l-ewwel wieħed li mexxa 'l-ewwel banda Furjaniża li kienet iġġib l-istess isem fl-1867.

beda jagħti l-kunċerti (jew provi) fl-iskola l-ġdida tal-banda fi Triq Castro. Xahar wara, proprju fis-6 ta' Ġunju, dil-iskola ġarret għal dar oħra fi Triq il-Kbira, fejn fiha twaqqaf ukoll il-Każin tal-Artisti. Iżda għal darb'oħra, għal xi raġuni mhix magħrufa, fid-9 ta' Lulju Micallef telaq 'l dil-banda u ħalla t-tmexxija tagħha f'idejn l-assistent tiegħu Mro Emmanuele Barbosa[5], li min-naħa tiegħu wkoll ħallieha fl-aħħar ta' Settembru. B'hekk, fl-1887 hi reġgħet sfat orfni u xoljiet għat-tielet darba. L-istess banda reġgħet ingħaqdet mill-ġdid għar-raba' darba fl-1888, fl-istess dar fi Triq il-Kbira, mill-ġdid taħt id-direzzjoni ta' Micallef. Madankollu, mill-kitba ta' Dun Anton insiru nafu li hi reġgħet ġiet xolta għar-raba' darba fl-1890.




Hawn tajjeb insemmu waħda mill-ġrajjiet l-aktar importanti fl-istorja ta' dil-banda u għal Micallef personali, li seħħet proprju nhar il-Vitorja ta' Settembru, 1885, xhur biss wara li laħaq surmast. Fis-sena msemmija ġiet iċċelebrata għall-ewwel darba t-tifkira tal-Assedju l-Kbir u r-Rebħa tal-Maltin fuq l-għadu. Għal dil-okkażjoni, il-kumitat organizzattiv ta' dal-festi fuq skala nazzjonali stieden 'il dil-banda biex tieħu sehem f'daċ-ċelebrazzjoni. Dan wara li sar jaf li hi kienet wettqet programm magħżul fil-pjazza tar-raħal lejlet il-festa tal-Vitorja, fejn fih indaqq ukoll innu ġdid kompost minn Micallef, fuq versi ta' Dun Fortunat Debono (?-1934). Dakinhar tal-festa, il-banda 'Melita' għamlet marċ, li telaq fit-8 ta' filgħaxija, minn Putirjal sa Misraħ il-Palazz, fejn hemm eżegwit l-istess programm li kienet għamlet awl il-lejl; b'14-il bandist mil-'La Valette' jingħaqdu magħhom. Il-programm għalaq bl-innu bil-kant ta' Micallef, u tant ingħoġob, li kellu jiġi eżegwit mill-ġdid fost applawsi kbar. Dal-innu kien indaqq flok ieħor miktub apposta għall-okkażjoni mill-pinna ta' Luigi Billion[6] (1860-1939), u kellu jiġi mmużikat minn sieħbu, il-Profs. Mro Giuseppe Privitera (1820-1887). Ir-Riformisti bl-ebda mod ma riedu li l-innu ta' Billion/Privitera jindaqq waqt festa nazzjonali għax saħqu li kien hemm biżżejjed surmastrijiet Maltin ta' ħila biex jimmużikawh. B'hekk, il-kumitat kien kostrett li jagħżel l-innu ta' Micallef. Intant, wara l-programm, il-Banda l-qadima mmarċjat lura lejn Putirjal, b'Micallef merfugħ fuq l-idejn. Hi kienet wettqet programm simili s-sena ta' wara.

<u>It-tieni u t-tielet perjodi ta' Micallef (26.8.1894-?; ?-?)</u>: Skont l-istess Xiberras, qajla nsiru nafu xi ħaġa mingħand l-Avukat Micallef dwar dak li għandu x'jaqsam ma' ħidma bandistika Naxxarija, ħlief li l-banda l-ġdida 'Vittorja' reġgħet ingħaqdet għal ftit xhur fl-1890, iżda jidher li reġgħet xoljiet ftit wara. Tant hu hekk, li fl-istess sena Mro Carmelo Abela Scolaro[7] (1850-1918) kien waqqaf il-banda tal-Milizzja Maltija, magħmula miż-żewġ elementi bandistiċi Naxxarin, li min-naħa tagħha wkoll kellha ħajja qasira. Biss, skont l-istess awtur, fl-1892 paġna ġdida nkitbet meta fil-laqgħa li saret fil-każin 'La Pace' tal-1 ta' Mejju, 1892, il-biċċa l-kbira tal-membri miż-żewġ baned, xolti sa mix-xahar ta' Lulju 1890, ftiehmu li jingħaqdu f'banda waħda taħt l-istess saqaf u jagħtuha l-istess isem tal-każin li fih kellu diġà ħafna soċi. Mat-twaqqif ta' dil-banda ġdida, nhar id-9 ta' Mejju tal-istess sena, inħatar Mro Domenico Miruzzi (1857-?), Belti, bħala s-surmast il-ġdid. Iżda sfortunatament, l-istorja kienet tidher li se tirrepeti ruħha, b'surmast ġej u ieħor sejjer: Miruzzi dam sal-14 t'Ottubru, 1892; Gavinu Camilleri sa Jannar, 1894; in-Naxxari Vittorio Xerri (1858-1942) sas-27 ta' Mejju tal-istess sena; u warajh Gavinu, li dam sas-26 t'Awwissu, 1894. L-għada stess reġa' laħaq Micallef, ftit warajh Gaetan Grech, mill-ġdid Micallef, imbagħad Miruzzi, u fl-aħħar nett, Gavinu. Tali sitwazzjoni baqgħet sejra hekk sal-aħħar tas-seklu dsatax, meta mbagħad saret aktar stabbli b'surmastrijiet li jdumu aktar fit-treġija tagħha. U mal-

[5] 'Il das-surmast ta' nisel Portugiż insibuh jidderieġi wkoll 'l-Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' ta' Ħal Luqa bejn l-1890-1.
[6] Kien għalliem tat-Taljan fil-Liċeo u kien imexxi skola private f'Tas-Sliema. Bħala poeta kiteb bosta xogħlijiet sagri, reliġjużi u patrijottiċi li ġew stampati fi tliet volumi.
[7] Skont RMB, kien 'surmast, direttur professur u kornettista ta' isem kbir. Bħala kornettista fit-Teatru Rjal, ġieli daqq ukoll mużika sagra f'xi knejjes. Ħuh kien jiġi l-Profs. Salvatore Abela Scolaro. Fundatur u l-ewwel surmast-direttur tal-banda tat-tfal tal-Istitut San Ġużepp fil-Ħamrun (1900). Għal xi żmien, kellu taħt idejh it-teatru Senglean 'La Pace' (1888-9), u t-teatru Slimiż 'La Principessa Melita' (1889). Fost xogħlijietu nsibu erba' operetti.

għeluq tas-seklu l-ieħor, tingħalaq ukoll il-paġna ta' Micallef ma' dil-banda, li kif se naraw, żamm biss dik ta' 'San Mikiel' ta' Ħaż-Żabbar.

Fil-programm tal-festi li saru f'ġieħ Marija Bambina, titular tal-Knisja Matriċi u Arċipretali tan-Naxxar fl-1955, insibu żewġ marċi antiki li huma aktarx ta' Micallef: 'Multum In Parvo' u 'Prior Credidi'. Daż-żewġ marċi kienu jiffurmaw parti minn sett ta' tmienja li ndaqqew għall-ewwel darba min dil-banda għall-festa msemmija taħt id-direzzjoni ta' Mro Salvatore Schembri.

**Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta** (1888-90): Kien fost l-ewlenin li mexxew 'il dil-banda fl-ewwel ħamsa u għoxrin sena tagħha. Hu kien is-sitt surmast wara Mro Chev. Giuseppe Borg (1849-1931), b'Mro Spiro Zammit (1859-1921) jilħaq eżatt warajh. Dan tal-aħħar, imwieled il-Belt, għex u miet Tas-Sliema, kien klarinettista prim u surmast tal-banda tal-flotta Ingliża. Fuq Micallef, ftit li xejn nafu dwar ħidmietu fi ħdan il-banda Mostija kemm dam jidderiġiha u forsi xi xogħlijiet li seta' ħallielha f'dawk li huma marċi (dak iż-żmien aktarx ta' xeħta militari), innijiet u bċejjeċ oħrajn għall-banda; jista' jkun li minħabba l-ħafna impenji li kellu mal-baned u bħala bandist mar-*Royal Malta Fencible Artillery* (R.M.F.A.) u daqq ieħor fuq il-vapuri tal-gwerra tan-Navy ma ħallewlux biżżejjed ħin għalbiex iżejjen lis-Soċjetà b'xi ġahwra mużikali kif kienu soltu jħobbu jagħmlu s-surmastrijiet ta' dari.

**Soċjetà Filarmonika 'Maria Mater Graziæ', Ħaż-Żabbar** (1883-9; 1891-3; 1895-9): Fundatur u l-ewwel surmast. Warajh laħaq Mro Carmelo Abela Scolaro (1850-1918), imbagħad reġa' hu, warajh Mro Bernardo Costa (?-?), u mbagħad għat-tielet u l-aħħar darba hu. Dal-karigi min-naħa tiegħu f'perjodi ta' żmien differenti jixbhu ħafna 'l dawk li kellu ma' tan-Naxxar, fejn il-ħin kollu ġej u sejjer, aktarx minħabba l-impenji mużikali tiegħu mas-servizz militari. Fil-każ ta' dil-banda, dak iż-żmien magħrufa b''Società del Zabbar', u mibdija fl-1883 minn Fransesco Saverio Briffa, ħatret lil Micallef bħala l-ewwel surmast tagħha. Kif jirrakkuntaw l-istess żewġ baned Żabbarin, fl-1887, it-tilwim bejn iż-żewġ fazzjonijiet fi ħdan l-istess entità mużikali wassal għall-qasma bejniethom. Dawk li riedu lil Mro Carmelo Abela Scolare bħala s-surmast ġdid tagħhom marru għalihom u ffurmaw banda ġdida fl-istess raħal. L-oħrajn li riedu lil Micallef b'surmast tagħhom baqgħu hemm, b'Briffa l-fundatur magħhom, li min-naħa tiegħu kien pront bidlilha isimha għal 'Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ'. Peress ukoll li f'raħlu Micallef kien magħruf bħala l-'Baqrambun', dil-Banda tlaqqmet 'Tal-Baqra'.




**Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda 'San Mikiel', Ħaż-Żabbar** (1883-7; 1903-9; 1911-?): It-tieni surmast wara Mro Carmelo Abela Scolaro, il-ħames wieħed wara Mro Antonio Agius, u jerġa' s-seba' wieħed wara Mro Carmelo Abela Scolaro. Fl-istorja bikrija ta' dis-Soċjetà insibu wkoll, li għall-ħabta tal-1883, Micallef, flimkien ma' Dun Vinċenz Pace, ġabar xi żgħażagħ min-naħa tal-Misraħ biex waqqfu s-'Società Filarmonic del Zabbar', bl-avukat Pasquale de Lorenzo bħala l-fundatur, promotur, u aktar tard President tagħha. Tissemma wkoll il-tilwima li nqalgħet u l-firda li seħħet bejn iż-żewġ fazzjonijiet fi ħdan l-istess Soċjetà, b'uħud mill-bandisti, flimkien mal-kumitat, li għażlu lil Abela Scolaro bħala surmast tagħhom, jibqgħu fl-istess sede ġewwa l-Misraħ, filwaqt li żammew l-istess isem oriġinali. Aktar tard dan inbidel f'Società Filarmonica San Michele, imbagħad f'Għaqda Mużikali San Mikiel, u fl-aħħar nett, kif inhu llum, f'Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel. Dil-Banda jsibuha wkoll bħala 'tal-Bajda'.

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja ta' dal-ktieb fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Santa Marija li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata fil-Mosta.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)